



LESTI GĦALL-GREEN CHALLENGE!

*IDEAT GĦALL-KLASSI GĦAL
EWROPA AKTAR EKOLOĠIKA*



@EUinmyRegion — #dingdongEU



L-GĦALLIEMA GĦALL-ĠEJJENI? STEDINA



L-UE qed tavviċina liċ-ċittadini biex flimkien jagħmlu l-Ewropa kontinent sostenibbli.

Intom bħala għalliema tal-iskejjel sekondarji tinsabu f'pożizzjoni unika biex

- **tedukaw** il-ġenerazzjoni li jmiss **dwar il-problemi u l-opportunitajiet ambjentali**, u
- **tħeġġu liż-żgħażaġh jieħdu azzjoni “ekoloġika”** f'ħajjithom.

Ħerqan(a) li tieġu dan ir-rwol iżda ma tafx kif? Dan is-sett ta' għodod jista' jgħinek!

INFORMAZZJONI TA' SFOND DWAR IS-SETT TA' GĦODOD



Is-sett ta' għodod huwa bbażat fuq il-kampanja “**DING DONG – Lesti għall-Green Challenge**” – inizjattiva tal-UE li tinvolvi liż-żgħażaġġ Ewropej biex jibnu futur sostenibbli (Ottubru 2020 – Ġunju 2021).

Iffukata fuq madwar **5 temi ta' sostenibbiltà kruċjali** li l-UE u ċ-ċittadini tagħha jeħtieġ li jindirizzaw fis-snin li ġejjin.

Imwaqqfa bħala **kollaborazzjoni ma' 15-il influwenzatur tal-midja soċjali lokali** li

- żaru proġetti ekoloġiċi li servew ta' ispirazzjoni ffaċilitati mill-UE;
- ħadu “green challenges” biex jiproteġu l-pjaneta tagħna.

Kopertura tal-esperjenzi tal-influwenzaturi fuq il-[mi dja soċjali](#) u s-[sit web ta' DING DONG](#).




IL-5 TEMI TA' SOSTENIBBILTÀ



L-
Akkomodazzjoni/
Il-Bini



Il-Produzzjoni/
Il-Konsum



Il-Konservazzjoni
tan-Natura



Iċ-Ċaqliq/
L-Ivvjaġġar



Il-Konsum
tal-Ikel

UŻA L-KAMPANJA “DING DONG” BĦALA PUNT TAT-TLUQ



Dan is-sett ta' għodod jgħin lill-għalliema:

- jiddiskutu l-5 temi ta' sostenibbiltà ma' studenti li għandhom bejn 12 u 19-il sena;
- jispiraw lill-istudenti permezz ta' eżempji konkreti ta' proġetti ekoloġiċi fil-livell lokali;
- jiksbu ideat għal green challenges li l-istudenti jistgħu jwettqu ġewwa jew barra mill-iskola;
- isibu riżorsi utli dwar is-sostenibbiltà u l-azzjoni tal-UE għall-qari/opportunitajiet ta' taġġim.

IS-SETT TA' G#ODOD FIH



Għal kull waħda mill-5 temi:

- **Informazzjoni ta' sfond** dwar
 - il-problema/problemi ambjentali konkreta/konkreti;
 - Il-miri u l-azzjonijiet tal-UE biex tindirizzahom;
- **Eżempji ta' proġetti mill-Istati Membri kollha** li juru kif l-inizjattivi tal-UE u lokali jistgħu jibnu flimkien futur aktar sostenibbli.
- **Il-kontribut li nistgħu nagħmlu kollha kemm aħna** – suġġetti ta' diskussjoni u “green challenges” għall-istudenti.
- **Links għal aktar informazzjoni** dwar is-suġġetti.



HOW TO USE THE TOOLKIT



Agħżel waħda jew aktar mill-5 **temi ta' sostenibbiltà** koperti mill-kampanja.

Iddiskuti **t-tema/temi** bl-għajnuna tal-informazzjoni pprovduta f'din il-preżentazzjoni.

Agħżel **proġetti ekoloġiċi** mil-lista fl-aħħar ta' din il-preżentazzjoni biex turi lill-istudenti tiegħek li l-azzjoni ambjentali lokali tagħmel differenza – u li l-UE tappoġġja dawn l-isforzi ta' sostenibbiltà fil-prattika.

- **Iddiskuti l-proġetti** fir-rigward tal-problemi ambjentali li jindirizzaw u s-soluzzjonijiet ekoloġiċi li joffru.
- **Iddiskuti ideat** mal-istudenti tiegħek **dwar il-possibiltajiet** għaċ-ċittadini u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet **biex jiġu indirizzati l-problemi ambjentali** kkonċernati.

Ħeġġeġ lill-istudenti **jorganizzaw “green challenges”** – attivitajiet biex jagħmlu l-iskejjel, id-djar u l-istil ta' ħajja tagħhom aktar sostenibbli.



IS-SETT TA' GĦODOD





INFORMAZZJONI ĠENERALI:

L-AZZJONI TAL-UE GĦAS-SOSTENIBBILTÀ



@EUinmyRegion — #dingdongEU



EJJA NERĠĠĦU NAGĦMLU L-EWROPA **EKOLOĠIKA!**

Il-viżjoni tal-Ewropa għall-2050

- Emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra
- Innaqqsu l-iskart tagħna
- Nippreservaw l-ekosistemi tagħna

Sabiex nagħmlu dan realtà, **irridu ngħixu, nikkonsmaw u nipproduċu b'mod differenti.**
Ħadd m'għandu jitħalla jibqa' lura.



Fejn nista'
nsib impjieg
għdid?

KIF NISTGĦU NASLU S'HEMM?

L-UE TGĦIN LIR-REĠJUNI U L-BLIET IKUNU DAWK LI JĠIBU L-BIDLA

Mill-2021 sal-2027, l-UE se tappoġġja azzjonijiet lokali “ekoloġiċi” b’aktar minn **EUR 100 biljun**. Eżempji ta’ proġetti appoġġjati jinkludu:

- stazzjonijiet tar-roti elettriċi mħaddma bl-enerġija solari;
- ikel organiku fil-canteens tal-iskola;
- il-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar;

...għal aktar eżempji ta’ proġetti, ara l-lista fl-aħħar ta’ din il-preżentazzjoni.

L-UE m’għadhiex tappoġġja azzjonijiet lokali li jniġġsu l-ambjent.





IL-#AMES TEMI TA' SOSTENIBBILTÀ

SUĠĠERIMENTI GĦAL
ATTIVITAJIET FIL-KLASSI



@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



Operated by: "Innovazione Gateway"
Rete delle Regioni



X'INHI L-PROBLEMA?

- Il-bini jammonta għal **40%** tal-enerġija kollha kkonsmata u **36%** tal-emissjonijiet kollha ta' CO2.
- **75%** tal-bini fl-UE mhuwiex effiċjenti fl-użu tal-enerġija, iżda attwalment **inqas minn 1%** qed jiġi rinnovat kull sena.
- Aktar minn 50 miljun unità domestika fl-UE jesperjenzaw il-faqar enerġetiku = in-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tal-enerġija minħabba fatturi bħal introjtu baxx, kontijiet għoljin u bini ineffiċjenti.



Sorsi: [Kummissjoni Ewropea, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#) | [L-Osservatorju tal-UE tal-Faqar Enerġetiku](#)



@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



B'LIEMA MOD L-UE QED TINDIRIZZA L-PROBLEMA?

L-UE impenjat ruħha li tnaqqas il-konsum enerġetiku tagħha mill-akkomodazzjoni b'mod sinifikanti (bħala parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew** – il-pjan biex tagħmel l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050).

Din tappoġġja

- **r-rinnovazzjoni tal-bini**, sabiex dan juża inqas enerġija, jipproduċi kontijiet tal-enerġija aktar baxxi u jittejbu s-saħħa u l-benesseri tan-nies;
- **l-kostruzzjoni ta' bini ġdidli jikkonsma ftit li xejn enerġija** – jew li jipproduċi aktar enerġija milli juża (newtrali fl-użu tal-enerġija jew bini “passiv”).



Sorsi: [Kummissjoni Ewropea, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#) | [L-Osservatorju tal-UE tal-Faqar Enerġetiku](#)

 @EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



Created by: "Innovative Green
and Smart Region"

EŻEMPJU TA' PROĠETT: "GWARDJANI TAL-ENERĠIJA INTELLIĠENTI" JGĦINU LILL-ISKEJJEL TAGĦHOM JIFFRANKAW L-ENERĠIJA



Sors: Kummissjoni tal-UE/©Energy@School; deskrizzjoni tal-proġett hija disponibbli [hawnhekk](#) bil-Kroat, il-Ġermaniż, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Pollakk u s-Sloven. Jekk jogħġbok ara lista b'eżempji ta' proġetti mill-pajjiżi kollha tal-UE fl-aħħar ta' din il-preżentazzjoni.



READY FOR
THE GREEN
CHALLENGE!



@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 1: Agħmlu l-iskola tagħkom aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija

L-istudenti jesploraw l-effiċjenza enerġetika tal-bini tal-iskola tagħhom. X'passi jistgħu jittieħdu (fuq żmien qasir, medju jew twil) għall-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet? Fi gruppi żgħar jidentifikaw l-oqsma problematiċi u jippruvaw isibu soluzzjonijiet potenzjali. L-istudenti mbagħad jippreżentaw is-sejbiet tagħhom lill-mexxejja tal-iskola biex jinkoraġġixxu l-bidla.

TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 2: Ispiraw lil ħaddieħor biex inaqqas il-konsum tal-enerġija tiegħu

L-istudenti jiddiskutu ideat dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-enerġija fid-dar u fl-iskola (eż. billi jbaxxu r-radjaturi, jaqilgħu l-plaġek tal-apparat tad-dar li ma jkunx qed jintuża). Kull wieħed jipproduċi L-Aqwa 10 Suġġerimenti (eż. infografika, poster, post fuq il-midja soċjali) immirati lejn żgħażaġħ oħrajn. L-istudenti mbagħad jittestjaw is-suġġerimenti ma' sħabhom. Liema huwa l-mod l-aktar effettiv biex tipperswadi lil oħrajn jagħmlu kambjamenti?

TEMA 1 – L-AKKOMODAZZJONI/IL-BINI



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 3: Skopru dar passiva fl-inħawi tagħkom

L-istudenti jidentifikaw dar/binja passiva fir-reġjun jew il-pajjiż tagħhom u jitgħallmu dwar l-ekodisinn u l-kostruzzjoni. Din kif inbniet? X'materjali ntużaw? X'kriterji jridu jiġu segwiti? L-istudenti jintervistaw bennej ekoloġiku / espert (wiċċ imb'wiċċ jew virtwalment) jekk huwa possibbli, biex jitgħallmu aktar dwar il-kostruzzjoni ekoloġika.

L-istudenti jippreparaw preżentazzjoni jew mudell (virtwali jew fiżiku) ta' binja passiva biex jispjegaw kif tiġi ddisinjata dar passiva meta mqabbla ma' binja normali. Kif qed jinbena l-bini tal-lum biex ikun aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi (fuq żmien qasir, medju u twil) tal-użu ta' dawn it-tekniki? Dawn jiddiskutu u jaqsmu s-sejbiet tagħhom mal-ħbieb tal-klassi.

TEMA 2 – IL-PRODUZZJONI/IL-KONSUM



X'INHI L-PROBLEMA?

- L-industrija hija responsabbli għal **20%** tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE.
- Huma biss **12%** tal-materjali użati mill-industrija tal-UE li jiġu mir-riċiklaġġ.
- Huwa biss **40%** tal-iskart domestiku kollu fl-UE li jerġa' jintuża jew jiġi riċiklat.
- L-iskart tal-plastik huwa problema ewlenija b'**inqas minn terz** tiegħu li qed jiġi riċiklat fl-Ewropa.
- L-industrija tal-moda tipproduċi **10% tal-emissjonijiet globali ta' CO2** u tuża madwar **1.5 triljun litru** ta' ilma kull sena.

THEME 2 – PRODUCING/CONSUMING



B'LIEMA MOD L-UE QED TINDIRIZZA L-PROBLEMA?

L-UE hija impenjata li:

- tgħin lill-industrija tal-UE tagħmel il-**proċessi u l-prodotti tagħha aktar sostenibbli**;
- tnaqqas l-użu tagħha ta' rizersi;
- tħeġġeġ **mudelli ta' negozju ġodda** msejsa fuq il-kiri ta' oġġetti u servizzi;
- tiżgura li l-imballaġġ kollu fl-UE jkun riutilizzabbli jew riċiklabbli sal-**2030**.

Din il-ħidma se tgħin tagħmel l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-**2050** bħala parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew**.



Sorsi: [Kummissjoni Ewropea, Il-Patt Ekoloġiku Ġdid](#) | [Kummissjoni Ewropea, L-Iskart](#) | [Parlament Ewropew, L-Iskart tal-Plastik](#) | [Nature Reviews, The environmental cost of fast fashion](#)




@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 2 – IL-PRODUZZJONI/IL-KONSUM



EŻEMPJU TA' PROĠETT: L'OUVROIR – UPCYCLING GĦAL EKONOMIJA ĊIRKOLARI



TEMA 2 – IL-PRODUZZJONI/IL-KONSUM



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 1: Skopru l-ispiża għolja tal-moda mgħagħla

L-istudenti jitgħallmu dwar l-impatt tal-produzzjoni ta' oġġett tal-ħwejjeġ fuq l-ambjent. Fatturi li għandhom jitqiesu: l-emissjonijiet ta' CO₂, l-ilma użat, il-materja prima, l-imballaġġ, it-trasport. X'alternattivi jeżistu biex wieħed ilaħħaq mal-istili li qed jinbiddu?

L-istudenti jiġu sfidati biex jilbsu b'mod sostenibbli għal avveniment speċjali (eż. kunċert tal-iskola, il-party ta' tmiem is-sena) billi jissellfu l-ħwejjeġ, jixtru ħwejjeġ użati, jagħmlu upcycling, jagħmlu jew jikru l-ħwejjeġ għal dik is-serata. Dawn jieħdu ritratti tal-ħwejjeġ "ġodda" tagħhom, u jagħmlu vlog jew blog dwar l-ilbies sostenibbli biex jispiraw lil ħaddieħor.

TEMA 2 – IL-PRODUZZJONI/IL-KONSUM



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 2: Agħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari ta' madwarkom

L-istudenti jirriċerkaw il-kunċett tal-ekonomija ċirkolari u l-mod kif il-prodotti jistgħu jiġu ddisinjati biex jerġaw jintużaw u jiġu riċiklati. Dawn jikkumpilaw direttorju elettroniku jew paġna web ta' negozji u servizzi ekoloġiċi fiż-żona tagħhom (eż. servizzi ta' kiri ta' ħwejjeġ, ħwienet tar-refills, stabbiliment tat-tiswija ta' oġġetti domestiċi (repair-cafes), eċċ.). Ħeġġuhom jipromwovu din il-lista fl-iskola u fuq il-midja soċjali biex jappoġġjaw l-ekonomija ċirkolari lokali!

TEMA 2 – IL-PRODUZZJONI/IL-KONSUM



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 3: Wettqu upcycling ta' oġġett qadim

L-istudenti jidentifikaw oġġett jew oġġett ta' lbies qadim u mhux użat id-dar biex iwettqu upcycling jew jerġaw jużawh. L-ewwel, dawn jirriċerkaw ideat u tekniki differenti (eż vidjos fuq YouTube) li jistgħu jużaw, u jisfidaw lil xulxin biex joħorġu bl-ideat ta' upcycling l-aktar kreattivi. Wara, billi jaħdmu individwalment jew fi grupp żgħar, dawn jippruvaw il-ħiliet tagħhom biex jagħtu ħajja ġdida lill-oġġett. L-istudenti jieħdu ritratti jew vidjos ta' “qabel” u “wara” biex juru t-trasformazzjoni.

TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



X'INHI L-PROBLEMA?

- **Nofs** il-Prodott Domestiku Gross (PDG) tad-dinja, **EUR 40 triljun**, jiddependi min-natura.
- Huma **biss 23%** tal-ispeċijiet u **16%** tal-ħabitats li attwalment jinsabu fi stat tas-saħħa tajjeb.
- **Miljun** speċi jinsabu fir-riskju ta' estinzjoni.
- Il-popolazzjonijiet tal-għasafar komuni tal-Ewropa naqsu bi **12%** mill-1990.
- Iż-żoni urbani **kibru b'aktar mid-doppju** mill-1992.

TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



B'LIEMA MOD L-UE QED TINDIRIZZA L-PROBLEMA?

L-UE impenjat ruħha li sal-2030 tiproteġi u tirrestawra l-ekosistemi li ġarrbu l-ħsara b'għanijiet, fost l-oħrajn, li:

- tistabbilixxi żoni protetti għal mill-inqas **30%** tal-art u **30%** tal-baħar ([network ta' Natura 2000](#));
- tirrestawra mill-inqas **25 000 km** tax-xmajjar;
- tħawwel **3 biljun** siġra.

Din il-ħidma se tgħin tagħmel l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal**2050** bħala parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew**.



Sorsi: [Kummissjoni Ewropea, Strateġija għall-Bijodiversità](#) | [Aġenzija Ewropea għall-Ambjent](#) | [Nazjonijiet Uniti, L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli](#)

 @EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



EŻEMPJU TA' PROĠETT: L-UE U Ċ-ĊITTADINI LOKALI JINGĦAQDU FLIMKIEN BIEX JINDIRIZZAW L-ISKART FIL-BAĦAR



Ejja nwaqqfu din it-tendenza!



Sors: Interreg Balkan-Mediterranean Meltemi; informazzjoni dwar il-proġett hija disponibbli [hawnhekk](#) bl-Ingliż. Jekk jogħġbok ara lista b'eżempji ta' proġetti mill-pajjiżi kollha tal-UE fl-aħħar ta' din il-preżentazzjoni.

 @EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 1: Naddfu żona ħadra lokali

L-istudenti jorganizzaw “Mixja għall-Iskart”, madwar spazju aħdar biex jiġbru l-iskart, filwaqt li jirrispettaw kwalunkwe miżura tas-saħħa kontra l-COVID-19 li hemm stabbilita fejn tgħixu. Itlobhom iżommu nota tat-tipi ta’ skart li jiġbru u li jirriċerkaw kemm dawk l-oġġetti jdumu biex jiddegradaw. Billi jużaw din l-informazzjoni, l-istudenti jfasslu kampanja ta’ informazzjoni u tal-midja biex jipperswadu lin-nies ibiddu l-imġiba tagħhom.

TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 2: Haddru l-grawnds tal-iskola tagħkom

L-istudenti jesploraw modi biex jinkoraġġixxu l-bijodiversità u jħaddru aktar il-grawnds tal-iskola tagħhom. Hemm spazju aħdar li jista' jiġi ttrasformat fi ġnien tal-fjuri selvaġġi? Jistgħu jintużaw miżuri sempliċi biex jinkoraġġixxu l-ħajja selvaġġa (eż. djar għall-baqq, djar u reċipjenti tat-tmigħ għall-għasafar, djar għall-friefet il-lejl)? Billi jibnu fuq l-ideat tagħhom, l-istudenti jħejju u jippreżentaw pjan għar-riintroduzzjoni tal-ħajja selvaġġa lill-mexxejja tal-iskola u mbagħad jistabbilixxu taskforce ta' studenti u persunal biex jagħmluh realtà.

TEMA 3 – IL-KONSERVAZZJONI TAN-NATURA



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 3: Siru turisti ekoloġiċi

Fejn tinsab l-egreb żona protetta ta' [Natura 2000](#) tagħkom? L-istudenti jirriċerkaw in-network ta' Natura u l-għan tiegħu. Kif qed taħdem din iż-żona għall-protezzjoni tal-biodiversità lokali? Kemm-il persuna żżur is-sit kull sena? B'liema mod l-ekoturiżmu huma differenti mit-turiżmu konvenzjonali?

Kull student jikteb gwida dwar kif issir ekoturist. Dawn jaqsmu l-gwidi tagħhom online u jorganizzaw żjara (fiżika jew virtwali) fis-sit ta' Natura 2000 biex ipoġġu l-linji gwida tagħhom fil-prattika.

TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



X'INHI L-PROBLEMA?

- It-trasport huwa responsabbli għal **kwart** mill-emissjonijiet kollha Ewropej ta' gassijiet serra (GHG) u dan qed ikompli jikber.
- It-trasport fit-triq (karozzi, karozzi tal-linja, trasport ta' merkanzija) huwa responsabbli għal **aktar minn 70%** tal-emissjonijiet kollha mit-trasport.
- L-emissjonijiet mit-trasport huma wkoll il-kawża ewlenija tat-**tniġġis tal-arja** fl-ibliet.

TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



B'LIEMA MOD L-UE QED TINDIRIZZA L-PROBLEMA?

- Li tuża **modi tat-trasport aktar sostenibbli** (eż. ferrovija, tramm, rota, karozza elettrika) jgħin inaqqas l-emissjonijiet u jtejjeb il-kwalità tal-arja.
- L-UE hija impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fit-trasport b'**90%** sal-**2050** (bħala parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew** – il-pjan biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050).



Sors: [Kummissjoni Ewropea, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#)



TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



Created by Lanes from Road Project

EŻEMPJI TA' PROĠETTI: KORSIJI ĠODDA GĦAR-ROTI U STAZZJON TAL-FERROVIJA MODERNIZZATA FIR-REPUBBLIKA ĊEKA



Sors: Kummissjoni tal-UE/© Ministeru Ċekk tal-Iżvilupp Reġjonali; informazzjoni dwar il-proġett hija disponibbli [hawnhekk](#) (korsiji għar-roti) u [hawnhekk](#) (stazzjon tal-ferrovija) biċ-Ċekk u bl-Ingliż. Jekk jogħġbok ara lista b'eżempji ta' proġetti mill-pajjiżi kollha tal-UE fl-aħħar ta' din il-preżentazzjoni.



@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 1: Naqqsu l-vjaġġi bil-karozza tagħkom

L-istudenti jistgħu jnaqqsu l-vjaġġi bil-karozza ta' kull ġimgħa billi jimxu, jużaw il-mezzi tat-trasport pubbliku, jagħmlu ċar sharing, jużaw ir-rota, skuter elettriku, eċċ.? L-istudenti jagħmlu vlog dwar il-vjaġġi ekoloġiċi tagħhom, jivvalutaw il-modi differenti ta' trasport sostenibbli, u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom fuq il-midja soċjali bl-użu tal-hashtag tal-kampanja.

TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 2: Naqqsu l-impronta tal-karbonju tagħkom

L-istudenti l-ewwel jikkalkulaw l-impronta tal-karbonju tagħhom u/jew tal-familja tagħhom bl-użu ta' kalkulator online (eż. www.carbonfootprint.com/calculator.aspx) u jqabbluha ma' sħabhom tal-klassi. Imbagħad kull wieħed jistabbilixxi mira u perjodu ta' żmien biex inaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu. L-istudenti jsegwu l-progress tagħhom (eż. jżommu djarju fuq vidjo) u jagħtu aġġornament lill-klassi meta jtemmu l-isfida.

TEMA 4 – IĊ-ĊAQLIQ/L-IVVJAĠĠAR



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 3: Esploraw id-dinja b'mod sostenibbli

L-istudenti jippjanaw vjaġġ futur jew ta' fantażija bl-użu ta' forom sostenibbli ta' trasport.

- L-istudenti jfittxu destinazzjonijiet fir-reġjun tagħhom li jkopru punt speċifiku ta' interess (eż. kulturali, sportiv, kulinari, ta' sbuħija naturali) u jippjanaw vjaġġ li huwa bbażat fuq forom sostenibbli ta' trasport.
- Kieku l-istudenti jingħataw pass tal-ferrovija madwar l-Ewropa fejn imorru u għaliex? X'inhil itwal distanza possibbli li tista' tivvjaġġa b'forom sostenibbli ta' trasport? Liema vjaġġ għandu l-impronta tal-karbonju l-aktar baxxa?

L-istudenti jippreżentaw il-vjaġġi sostenibbli tagħhom lill-klassi (eż. bħala mapep, għadd ta' karbonju, posts fuq blog, artikli) u jivvutaw għar-rebbieħa.

TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



X'INHI L-PROBLEMA?

- L-agrikoltura tammonta għal **10%** tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE (ikkawżati minn eż. it-trobbija tal-annimali, l-art agrikola, l-użu ta' fertilizzanti).
- Il-ħamrija hija saff irqiq ta' riżorsa fraġli u mhux rinnovabbli, li minnha tiddependi **95% tal-produzzjoni kollha tal-ikel** – u din qed tittiekel rapidament.
- Madwar **88 miljun tunnellata ta' skart tal-ikel**, li jiswew madwar **EUR 143 biljun**, huma ġġenerati kull sena fl-UE.
- Fl-2017, **1 minn kull 5 imwiet** fl-UE kienu marbuta ma' dieti mhux tajbin għas-saħħa.

TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



B'LIEMA MOD L-UE QED TINDIRIZZA L-PROBLEMA?

L-UE hija impenjata li tilħaq diversi miri sal-2030, inkluż li:

- tnaqqas l-użu tal-fertilizzanti b'tal-inqas **20%**;
- tnaqqas l-użu ta' pestiċidi li jagħmlu l-ħsara li jniġġsu l-ħamrija, l-ilma u l-arja **b'50%**;
- tiżgura li **25%** tal-art agrikola totali tintuża għall-biedja organika;
- taqta' l-iskart tal-ikel b'**50%**.

Dawn il-miri se jgħinu jagħmlu l-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għal-klima fid-dinja sal-**2050** bħala parti mill-**Patt Ekoloġiku Ewropew**.



READY FOR
THE GREEN
CHALLENGE!

Sorsi: [Kummissjoni Ewropea, Patt Ekoloġiku](#) | [Aġenzija Ewropea għall-Ambjent](#) | [Kummissjoni Ewropea, L-iskart tal-ikel](#)



@EUinmyRegion — #dingdongEU



TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



EŻEMPJU TA' PROĠETT: L-AGRIKOLTURA URBANA TIPPRODUĊI IKEL SOSTENIBBLI FI BRUSSELL



TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 1: Sajru flimkien b'mod sostenibbli

L-istudenti jsajru dixxijiet bl-użu ta' għelejjel lokali, staġjonali, u mkabbrin b'mod sostenibbli. Stieden kok lokali jagħti lezzjoni tat-tisjir – fiżikament jew virtwalment. Jekk possibbli, uża wkoll prodotti lokali li ngħataw [tikketti tal-kwalità tal-ikel tal-UE](#). L-istudenti joħolqu ktieb tar-riċetti elettroniku tad-dixxijiet lesti biex jaqsmuh mal-ħbieb u l-familja tagħhom.

TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 2: Aqilbu għal ikliet ta' nofsinhar ekoloġiċi

L-istudenti jesploraw jekk l-ikliet ta' nofsinhar tagħhom għandhomx livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dawn iżommu rekord għal ġimgħa ta' dak li jieklu fl-ikla ta' nofsinhar u l-iskart li dan joħloq. Il-ġimgħa ta' wara dawn isiru “ekoloġiċi” – jikkonsmaw biss ikel lokali/veġetarjan, bi skart żero u ebda imballaġġ jew pożata tal-plastik. L-istudenti jiddiskutu l-esperjenzi tagħhom ma' sħabhom tal-klassi. Wara dawn jaħdmu flimkien biex joħolqu kampanja tal-midja umoristika sabiex jipperswadu l-bqija tal-iskola jieqfu jieħdu s-sandwiċis ippakkjati fil-plastik u l-ikliet fast-food tagħhom li joħolqu tant emissjonijiet tal-karbonju.

TEMA 5 - IL-KONSUM TAL-IKEL



B'LIEMA MOD L-ISTUDENTI JISTGĦU JINDIRIZZAW IL-PROBLEMA?

Sfida 3: Għoddu l-ispiża ambjentali

L-istudenti jżuru suq tal-bdiewa jew ħanut agrikolu biex jitgħallmu dwar il-benefiċċji li tiekol ikel prodott lokalment meta mqabbla ma' ikel li jkun ġie ttrasportat mijiet jew eluf ta' kilometri biex jasal fl-ixkafef tas-supermarkets tagħna. Bħala alternattiva, dawn jirriċerkaw l-impatt ambjentali tax-xiri ta' għelejjel imkabbrin lokalment (eż. tuffieħ, frawli) meta mqabbla mal-istess prodott li jiġi importat minn pajjiż imbiegħed.

X'fatturi oħra huma importanti għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju tal-ikel li nieklu? U rigward prodotti tal-ikel li huma marbuta mad-deforestazzjoni, it-telfien tal-biodiversità jew l-isfruttament tal-komunitajiet lokali f'pajjiżi oħrajn?

L-istudenti jipproduċu skeda jew paġna web b'Mistoqsijiet Frekwenti (FAQ) biex jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati meta jixtru. Dawn jittestjaw l-FAQs mal-ħbieb u l-familja tagħhom. Dawn jgħinuhom ibiddlu l-abitudnijiet tagħhom?

RIŻORSI UTLI

[Il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#)

[L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent](#)

[Iż-żgħażaġħ u l-klima](#)

[Proġetti ta' politika ta' koeżjoni fil-pajjiż u r-reġjun tiegħek](#)

[Aktar data dwar il-fondi għall-koeżjoni tal-UE](#)

[Riżorsi ekoloġiċi għall-għalliema](#)



LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
L-Awstrija	Il-Konsum tal-Ikel	Kumpaniji Awstrijaċi u Ġermaniżi Jiżviluppaw Ikel Ibbażat fuq il-Pjanti	Il-konsum eċċessiv tal-laħam jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima u ħafna problemi tas-saħħa. Għalhekk, f'dan il-proġett, l-intraprendituri u r-riċerkaturi jiżviluppaw alternattivi għal-laħam li huma naturali u bbażati fuq il-pjanti.	DE EN
Il-Belġju	Il-Produzzjoni/ Il-Konsum	Kummerċ Sostenibbli għal Persuni b'Diżabilità	Dan il-proġett isostni impjiegi ekoloġiċi għal persuni b'diżabilità, eż. servizzi ta' tiswija u riċiklaġġ.	FR , NL EN
Il-Bulgarija	Iċ-Ċaqliq/ L-Ivvjaġġar	Bliet "Tajbin għall-Mixi" li Joffru Spazji Aktar Nodfa u Sikuri	Il-proġett qed jgħin lil 10 ibliet fir-reġjun tad-Danubju jnaqqsu l-emissjonijiet, il-ħoss u l-konġestjoni tat-traffiku billi jtejbu l-kundizzjonijiet għall-persuni mexjin. Bliet aktar tajbin għall-mixi joffru għajxien aħjar, huma aktar sikuri u tajbin għas-saħħa.	BG CZ , DE , EN , HR , HU , RO , SI , SK
Il-Kroazja	Il-Bini/ L-Akkomodazzjoni	Rinnovazzjonijiet Li Jiffrankaw l-Enerġija fl-Iskola Primarja	Wara rinnovazzjonijiet estensivi, l-iskola primarja ta' Nikola Tesla f'Rijeka issa tuża nofs l-enerġija li kienet tuża qabel għat-tiħin.	HR EN
Ċipru	Il-konservazzjoni tan-natura	Inżommu l-Oċeani tagħna Nodfa	Flimkien, uffiċjali lokali, skejjel u komunitajiet fil-Greċja, Ċipru, l-Albanija u l-Bulgarija ħadu azzjoni kontra t-tniġġis tal-baħar. Dawn ġabru skart minn fuq ix-xtut u ddiskutew strateġiji biex inaqqsu l-iskart fil-livell lokali.	EL EN

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
Ir- Repubblika Ċeka	Iċ-Ċaqliq/L- Ivvjaġġar	Mogħdija Ġdida għar- Roti fil-Majjistral tar- Repubblika Ċeka	Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jistgħu jirkbu r-rota b'mod sikur lejn ix-xogħol u l-iskola, il-komunitajiet tal-Majjistral tar-Repubblika Ċeka bnew mogħdija għar-roti tul awtostrada traffikuża.	CZ EN
Id- Danimarka	Il-Bini/L- Akkomodazzjoni	Gżira Daniża Tuża l- Ambjent għall- Enerġija	Fl-Akkademja għall-Enerġija Samsø, il-viżitaturi jitgħallmu dwar il-potenzjal tal-enerġiji rinnovabbli. L-akkademja tinsab fil-“gżira rinnovabbli” ta' Samsø, li tiġġenera l-maġġoranza tal-enerġija li teħtieġ minn sorsi rinnovabbli lokali.	DA EN , DE , FR
L-Estonja	Iċ-Ċaqliq/L- Ivvjaġġar	Bike sharing f'Tartu	Tartu għandha skema ġdida ta' bike sharing li tagħmilha aktar faċli għar-residenti biex jiċċaqilqu madwar il-belt – mingħajr karożza u emissjonijiet. Dan huwa l-akbar network għall-bike sharing fir-reġjun Baltiku.	EE EN
Il-Finlandja	Il- konservazzjoni tan-natura	L-indirizzar tal-Iskart tal-Plastik fil-Baħar Baltiku	Sabiex nillimitaw it-tniġġis tal-baħar, jeħtieġ li nkunu nafu minn fejn qed jiġi l-iskart. Għalhekk, is-sħab tal-proġett mill-Finlandja, l-Iżvezja u l-Latvja rriċerkaw l-mod kif l-iskart tal-plastik isib triqtu minn żoni urbani għall-Baħar Baltiku.	FI EE , EN , SE , LV

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
Franza	Il-Konsum tal-Ikel	Franza u r-Renju Unit jidħlu għall-Isfida Cool Food	Il-proġett żviluppa app li tippermetti lill-utenti jittraċċaw l-impatt li l-ikel tagħhom għandhom fuq l-ambjent - u jħeġġiġhom jagħmlu għażliet tal-ikel aktar sostenibbli.	FI EN
Il-Ġermanja	Il-Produzzjoni/ Il-Konsum	Inbidlu Art Żdingata fi Spazju Pubbliku Vibranti	Il-proġett ittrasforma terminal tal-merkanzija u tarzna tal-ferrovija antiki f'Leipzig fi spazji abitabbli għaċ-ċittadini. Dan issa joffri opportunitajiet għan-negozji u inizjattivi lokali, kif ukoll bħala ambjent għas-saħħa għal attivitajiet fil-beraħ.	DE EN
Il-Greċja	Il-Bini/L-Akkomodazzjoni	Il-Greċja u t-Tramuntana tal-Maċedonja Jingħaqdu Flimkien biex Jiffrankaw l-Enerġija	Proġett transfruntier laqqa' flimkien awtoritajiet lokali, negozji u skejjel mill-Greċja u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' bini pubbliku. Il-proġett joħloq ukoll sensibilizzazzjoni fost persuni u organizzazzjonijiet lokali dwar l-użu tal-enerġija u l-protezzjoni tal-ambjent.	EL EN
L-Ungerija	Il-konservazzjoni tan-natura	Appoġġ għal Spazji Ħodor Urbani	Permezz ta' ħidma mal-gruppi tal-komunità, ir-residenti u l-awtoritajiet lokali, il-proġett reġa' ta' ħajja lil żoni abbandunati u żied in-numru ta' viżitaturi fi spazji ħodor urbani.	HU CZ , DE , EN , HR , IT , PL , SI

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
L-Irlanda	Il-Produzzjoni/ Il-Konsum	Trasformazzjoni ta' Rkaptu tas-Sajd Mormi f'Opportunitajiet tan-Negozju	Dan il-proġett qed inaddaf l-ambjent filwaqt li jgħin lil kumpaniji lokali żgħar u medji jbiddu l-iskart f'opportunitajiet ġodda. Flimkien, is-sħab mill-Irlanda, ir-Renju Unit u n-Norveġja esploraw kif minn irkaptu tas-sajd mormi jista' jiġi żviluppat ilbies u materjal tal-bini li mbagħad jiġi kkummerċjalizzat bl-għajnuna tal-ekotikketti.	EN
L-Italja	Il-Konsum tal-Ikel	Canteens tal-Iskola Sostenibbli	Il-BioCanteens Transfer Network qed juża l-preparazzjoni tal-ikel tal-iskola b'ikel organiku mkabbar lokalment għall-protezzjoni tas-saħħa tan-nies u l-ambjent.	IT BG , EL , EN , FR , PT , RO
Il-Latvja	Il-konservazzjoni tan-natura	L-Estonja u l-Latvja Jingħaqdu Flimkien għal Kosta aktar Sikura	Dan il-proġett għandu l-għan li jiproteġi l-ambjent tal-baħar permezz ta' koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi ta' salvataġġ tal-Latvja u l-Estonja u tagħmir u infrastruttura mtejba. B'dan il-mod, iż-żewġ pajjiżi jwieġbu aktar malajr għal tixrid ta' żejt jew theddid ieħor, u jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti fuq l-annimali u l-ekosistemi tal-baħar.	LV EE EN
Il-Litwanja	Il-Produzzjoni/ Il-Konsum	Cannamella: Minn Passjoni għal Negozju Mimli Passjoni	Bl-appoġġ tal-UE, intraprenditur żagħżuġ Litwan beda Cannamella, ditta ta' karamelli naturali magħmulin bl-idejn b'mod ekoloġikament responsabbli.	LT EN

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
Il-Lussemburgu	Il-Bini/ L-Akkomodazzjoni	It-Tieni Hġajja għal Skart mill-Kostruzzjoni u t-Twaqqigħ ta' Bini	Qatt xtaqt tkun taf x'jiġri mill-iskart kollu meta tinbena jew titwaqqa' binja? Din hija mistoqsija importanti b'rabta mal-ambjent, għaliex il-konkrit għandu impronta tal-karbonju kbira. Għalhekk, dan il-proġett jesplora modi kif jiġi rriċiklat l-iskart tal-kostruzzjoni u t-twaqqigħ tal-bini.	DE FR EN
Malta	Il-Produzzjoni/ Il-Konsum	Infrastruttura Ġdida għat-Trattament tad-Drenaġġ f'Malta	Il-proġett bena impjant ġdid għat-trattament tad-drenaġġ li tqabbaq mas-sistema tad-drenaġġ eżistenti. L-impjant jista' jitratta d-drenaġġ ta' 500 000 persuna u jipprevjeni l-iskariku ta' sustenzi li jagħmlu l-ħsara fl-ambjent.	MT EN
In-Netherlands	Iċ-Ċaqliq/ L-Ivvjaġġar	Proġett Pijunier ta' Karozza Solari Magħmula fin-Netherlands	Eks studenti fl-Università ta' Eindhoven żviluppaw karozza mħaddma bl-enerġija solari li qed tattira interess mid-dinja kollha. Ir-riċerka tagħhom twitti t-triq għal trasport li jniġġes inqas.	NL EN
Il-Polonja	Il-Konsum tal-Ikel	Riduzzjoni taċ-Ċiklu tal-Iskart tal-Ikel	Il-proġett jgħin jiddistribwixxi mill-ġdid l-ikel żejjed u joħloq sensibilizzazzjoni dwar kif nipprevjenu l-iskart tal-ikel. Bħala parti mis-serje Food Waste Hackathon, is-sħab tal-proġett jistiednu disinjaturi ta' apps u entużjasti tal-IE jżviluppaw ideat ġodda biex jgħinu lin-nies jaħlu inqas ikel.	PL CZ , DE , EN , IT

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
Il-Portugall	Il-konservazzjoni tan-natura	Il-Protezzjoni tal-Ħajja tal-Baħar fil-Laguna ta' Ria de Aveiro	Bijoloġisti tal-baħar, konservazzjonisti u servizzi ta' salvataġġ ingħaqdu flimkien biex jiproteġu l-ambjent tal-baħar fil-Laguna ta' Ria de Aveiro. Pereżempju, dawn iwettqu salvataġġi ta' animali wara tixrid taż-żejt.	PT EN
Ir-Rumanija	Il-Konsum tal-Ikel	L-Agrikoltura Urbana Timpromwovi l-Inklużjoni Soċjali	Il-proġett juża l-agrikoltura urbana biex jinvolvi liċ-ċittadini fi żvilupp lokali sostenibbli. Persuni f'riskju ta' esklużjoni - eż. dawk foqra, persuni qiegħda, persuni bla dar, ir-Rom, l-anzjani, in-nisa u ż-żgħażaġħ - għandhom jingħataw setgħa biex jipparteċipaw fil-proċess deċiżjonali lokali u jagħmlu l-komunitajiet tagħhom post fejn tista' tgħix aħjar.	RO BG , CZ , DE , EN , HU , SK , SI
Is-Slovakkja	Il-Konsum tal-Ikel	It-Trobbija tan-Naħal Lura fil-Qalba tal-Ħajja Rurali	In-naħal huma importanti għall-bijodiversità u l-produzzjoni agrikola, iżda n-numri tagħhom qed jonqsu. Il-proġett għandu l-għan li jwappaq ix-xejra permezz tal-kostruzzjoni ta' mudelli ta' doqqajs, mużew tat-trobbija tan-naħal, faċilitajiet edukattivi u impjanti tal-ipproċessar għall-prodotti tan-naħal.	SK EN , FR , HU
Is-Slovenja	Il-Bini/L-Akkomodazzjoni	Gwardjani tal-Iskola "Smart Energy"	Il-proġett ħarreġ lil studenti biex isiru "gwardjani tal-enerġija intelliġenti" li jgħinu jiffrankaw l-enerġija fl-iskejjel tagħhom.	SI DE , EN , HR , IT , HU , PL

LISTA TA' EŻEMPJI TA' PROĠETTI



Pajjiż	Tema	Isem tal-proġett	Deskrizzjoni fil-qosor	Aktar informazzjoni fi:
Spanja	Iċ-Ċaqliq/ L-lvvjaġġar	Iffrankar ta' Enerġija fi Stazzjonijiet Ferrovarji u tal- Karożżi tal-Linja	Dan il-proġett għamel l-istazzjonijiet ferrovarji u tal-karożżi tal-linja aktar ekoloġiċi, pereżempju permezz ta' pannelli solari u dwal li jikkonsmaw inqas enerġija. Il-flus li l-kumpaniji tat-trasport iffirankaw minħabba t-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija ntużaw biex l-istazzjonijiet isiru aktar komdi għall-passiġġieri.	ES EN
L-Iżvezja	Il- konservazzjo ni tan-natura	Żieda fin-Numru ta' Volpi tal-Artiku fit- Tramuntana tal- Iskandinavja	Il-proġett qed iżid l-isforzi biex tiġi salvata l-volpi tal-Artiku fl-Iskandinavja. Sabiex jinkiseb dan, ġie stabbilit network transfruntier ta' awtoritajiet pubbliċi u istituti tar-riċerka min-Norveġja, l-Iżvezja u l-Finlandja.	SE EN , FI



DING DONG

**READY FOR
THE GREEN
CHALLENGE!**



@EUinmyRegion — #dingdongEU

